

Lussemburgu, 14 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9549/21

DEVGEN 118
ACP 55
RELEX 521
FIN 428
OCDE 13
SUSTDEV 74

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 14 ta' Ġunju 2021

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9379/21

Suġġett: Rapport Annwali tal-2021 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta'
Għajnuna għall-Iżvilupp
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (14 ta' Ġunju 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali tal-2021 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp, kif adottati mill-Kunsill fit-3802 laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Ġunju 2021.

Rapport Annwali tal-2021 lill-Kunsill Ewropew dwar il-Miri ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-UE

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Fis-17 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kunsill jagħmel rapport annwali dwar l-impenji tal-UE u tal-Istati Membri u r-riżultati miksuba minnhom b'rabta mal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA)¹. Dan huwa l-ħdax-il rapport annwali ta' dan it-tip lill-Kunsill Ewropew. Il-Kunsill jilqa' l-analiżi tal-Kummissjoni tax-xejriet fir-rigward tal-impenji kollettivi u individwali tal-UE għall-ODA, ibbażata fuq informazzjoni preliminari mill-OECD-DAC dwar l-ODA tal-2020².
2. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jużaw b'mod effettiv kemm il-flussi finanzjarji kollha kif ukoll il-mezzi mhux finanzjarji ta' implimentazzjoni, filwaqt li jenfasizza l-azzjoni domestika u politiki sodi biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), f'konformità mal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tal-2015. Il-Kunsill jikkonferma l-impenn kollettiv u individwali tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-finanzjament għal żvilupp sostenibbli, inkluż għall-ODA, kif stabbilit fil-Kunsens Ewropew Ġdid għall-Iżvilupp³ u f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.
3. F'xenarju ta' finanzjament dejjem aktar kumpless, l-ODA għadha taqdi rwol kruċjali bħala element importanti u katalitiku fil-finanzjament globali disponibbli biex jgħin fil-kisba tal-SDGs. L-ODA tista' tgħin biex jiġu sfruttati sorsi oħra ta' finanzjament, b'mod partikolari l-finanzjament domestiku pubbliku u l-investiment sostenibbli tas-settur privat, kif ukoll mezzi oħra ta' implimentazzjoni, bħall-appoġġ tax-xjenza, it-teknoloġija, l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni.
4. L-ODA globali għadha sors ewlieni ta' finanzjament għall-aktar pajjiżi fqar, b'mod partikolari għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs) u għall-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, inkluż il-pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità jew konflitt u l-pajjiżi li jbatu minn vulnerabbiltajiet relatati mal-klima, li għandhom nuqqas partikolari ta' kapaċità domestika biex isibu finanzjament minn sorsi oħra.

¹ Ara l-Anness għall-impenji relatati mal-ODA.

² https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_21_1701

³ [2017/C 210/01: Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni](#)

5. B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill jixtieq jirrapporta l-elementi li ġejjin lill-Kunsill Ewropew:

- a) Fl-2020, l-ODA⁴ kollettiva tal-UE⁵ laħqet EUR 66.8 biljun⁶, żieda mill-EUR 57.9 biljun⁷ tal-kollettiva tal-UE, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit, fl-2019⁸. Din iż-żieda nominali ta' 15 % hija fil-biċċa l-kbira dovuta għall-isforzi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, f'approċċ ta' Tim Ewropa, biex iżidu l-appoġġ tagħhom lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw b'rispons għall-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19.
- b) L-UE u s-27 Stat Membru tagħha żammew il-pożizzjoni tagħhom bħala l-akbar fornitur globali tal-ODA (ara l-Figura 1), b'kontribut li jammonta għal 46.2 % tal-ODA totali⁹, biex b'hekk jikkonfermaw it-tmexxija tagħhom fl-aġenda globali dwar l-iżvilupp sostenibbli.

⁴ L-ODA kollettiva tal-UE hija s-somma tal-ODA mill-Istati Membri tal-UE u l-parti tal-ODA pprovduta mill-istituzzjonijiet tal-UE li mhix attribwita lill-Istati Membri jew lir-Renju Unit. Il-biċċa l-kbira tal-infiq tal-istituzzjonijiet tal-UE fuq l-ODA hija attribwita lill-Istati Membri tal-UE, jiġifieri d-data tal-Istati Membri tinkludi parti mill-infiq tal-istituzzjonijiet. L-ODA pprovduta permezz tar-riżorsi proprji tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) mhix attribwita lill-Istati Membri u hija addizzjonali għall-ODA tal-Istati Membri.

⁵ Il-kollettiva tal-UE tal-2020 ma tinkludix lir-Renju Unit minħabba l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020. Il-kollettiva tal-UE tal-2019 u tas-snin preċedenti tinkludi r-Renju Unit, ħlief jekk speċifikat mod ieħor.

⁶ Fuq il-bażi ta' ekwivalenti ta' għotja, li hija l-metodoloġija l-ġdida għall-kalkolu tal-valur tal-ODA ta' self aġevolanti, applikata għall-ewwel darba fl-2019 għad-data tal-2018 għal self uffiċjali u għal self lil istituzzjonijiet multilaterali, u mid-data tal-2020 għas-serħan mid-dejn ukoll. Għal aktar informazzjoni dwar il-metodoloġija l-ġdida tal-ekwivalenti ta' għotja u l-metodoloġija tal-passat li tuża bażi ta' fluss ta' flus, ara hawn: [Preliminary Figures on 2020 Official Development Assistance \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/economy_finance/oda_en).

⁷ F'termini nominali.

⁸ Għal referenza, l-ODA kollettiva tal-UE fl-2019 kienet EUR 75.2 biljun.

⁹ L-ODA totali hawnhekk hija definita bħala li tinkludi l-ODA pprovduta mill-kollettiva tal-UE u mid-donaturi l-oħra kollha tal-Kumitat ta' Għajjuna għall-Iżvilupp (DAC). Fl-2019, l-UE u l-Istati Membri tagħha, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit, ikkontribwew 42.8 % tal-ODA globali, filwaqt li fl-2019 l-UE u l-Istati Membri kollha tagħha kkontribwew 55.6 % tal-ODA globali.

- c) L-ODA kollettiva tal-UE rrappreżentat 0.50 % tad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) tal-UE; żieda kbira mill-proporzjon ta' 0.41 % tal-kollettiva tal-UE, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit, fl-2019¹⁰, u ferm ogħla mill-medja tal-membri tad-DAC li mhumix fl-UE, li kienet 0.25 % tad-DNG fl-2020 (ara l-Figura 2).
 - d) Erba' Stati Membri tal-UE qabżu l-livell limitu ta' ODA/DNG ta' 0.7 % (ara l-Figura 3 u t-Tabella 1). Fi ħmistax-il Stat Membru tal-UE, il-proporzjon bejn l-ODA u d-DNG żdied, f'għaxra baqa' stabbli¹¹, filwaqt li f'żewġ Stati Membri naqas.
6. Il-Kunsill jilqa' ż-żieda sinifikanti tal-ODA/DNG kollettiva tal-UE fl-2020 meta mqabbla mal-ODA/DNG kollettiva tal-UE, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit, fl-2019, li hija partikolarment notevoli fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, l-isfidi bla preċedent u l-pressjonijiet finanzjarji, biex b'hekk sar progress lejn l-ilħuq tal-mira kollettiva li jiġi pprovdut 0.7 % tad-DNG bħala ODA. F'dan il-kuntest, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar fornituri tal-ODA relatata mal-COVID-19: il-pajjiżi tad-DAC-UE pprovdew EUR 4.4 biljun, mill-EUR 10.5 biljun mill-pajjiżi kollha tad-DAC fl-2020 fi flussi netti. L-UE pprovdiet EUR 8 biljun ta' ODA relatata mal-COVID-19.
7. Madankollu, il-Kunsill huwa mħasseb ħafna dwar in-nuqqas fl-ODA lil-LDCs mill-aggregat tal-UE bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit¹², li naqas għal 0.10 % tad-DNG fl-2019¹³, u huwa dejjem aktar imħasseb li l-UE għadha ma laħqitx il-mira kollettiva tagħha li tipprovdut 0.15 % - 0.20 % tad-DNG lil-LDCs fil-perijodu qasir. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jiżdiedu urġentement l-isforzi biex tintlaħaq il-mira sabiex kollettivament jiġi pprovdut 0.20 % tad-DNG bħala ODA lil-LDCs sal-2030.

¹⁰ Iż-żieda bejn il-proporzjon ODA/DNG tal-kollettiva tal-UE, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit, fl-2019 u l-proporzjon ODA/DNG tal-kollettiva tal-UE fl-2020 hija dovuta għal żieda fl-ODA kollettiva tal-UE (bi 15 %) kif ukoll għal tnaqqis fid-DNG kollettiv tal-UE (b'4.8 %) f'termini nominali, bl-intendiment li r-Renju Unit mhuwix inkluż għall-2019. L-ODA kollettiva tal-UE bħala sehem tad-DNG kienet ta' 0.46 % fl-2019.

¹¹ Il-kelma "stabbli" hawn tirreferi għall-proporzjonijiet ta' ODA għad-DNG li nbidlu b'inqas minn 0.01 punti perċentwali.

¹² Għal spjegazzjoni tat-tnaqqis aggregat għall-kollettiva tal-UE u għall-kollettiva tal-UE bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit, fl-2019, ara hawnhekk: [Preliminary Figures on 2020 Official Development Assistance \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/economy_finance/figures-on-2020-official-development-assistance).

¹³ L-2019 hija l-aktar sena reċenti li għaliha hija disponibbli data kompluta. Fl-2019, l-ODA aggregata tal-UE lil-LDCs kienet ta' 0.12 %, b'erba' Stati Membri tal-UE, inkluż ir-Renju Unit, jaqbu l-mira tal-2020 ta' 0.15 % tal-ODA/DNG lil-LDCs, ara t-Tabella 2. Għal referenza, fl-2018, l-ODA aggregata għal-LDCs tal-UE u t-28 Stat Membru tagħha, u tal-UE u 27 mill-Istati Membri tagħha (bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit) kienet ta' 0.125 % u 0.11 % tad-DNG rispettivament.

8. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li huma meħtieġa aktar sforzi biex jintlaħqu l-miri kollettivi u individwali u biex kollettivament jiġi pprovdut 0.7 % tad-DNG bħala ODA sal-2030. Il-Kunsill jenfasizza li huwa urġenti li l-UE u l-Istati Membri tagħha jieħdu azzjonijiet konkreti u verifikabbli biex iwettqu l-impenji tagħhom u ser ikompli jissorvelja l-progress. Il-Kunsill ser jibqa' jirrapporta kull sena biex jagħti lok għat-trasparenza u r-responsabbiltà pubblika. Huwa jappella lill-Kummissjoni biex tippromwovi miżuri u tniedi inizjattivi, bl-involvement tal-Istati Membri skont il-każ.
9. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp min-naħa tal-UE u tal-Istati Membri tagħha ser tibqa' mmirata fejn hemm l-akbar ħtieġa u fejn jista' jkollha l-akbar impatt, speċjalment f'LDCs u f'pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità jew affettwati mill-konflitt. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġi appoġġat it-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali tal-LDCs, bil-għan li jiġu indirizzati fost sfidi oħra dawk relatati mal-kapaċità ta' assorbiment.
10. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġu indirizzati d-diversità tas-sitwazzjonijiet u l-isfidi speċifiċi tal-pajjiżi li jiggradwaw minn status ta' dħul baxx għal wieħed ta' dħul medju. F'konformità mal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni għall-iżvilupp, fi djalogu politiku u fi sħubijiet ma' Pajjiżi bi Dħul Medju (MICs) dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-qerda tal-faqar, l-inugwaljanzi, il-beni pubbliċi globali u interessi kondiviżi oħrajn. Fir-rigward ta' pajjiżi fil-fażi aktar avvanzata tal-iżvilupp, li jeħtieġu anqas forom aġevolanti ta' għajjnuna jew xejn, il-Kunsill ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jiżviluppaw involviment innovattiv, inkluż il-kooperazzjoni finanzjarja u lil hinn minnha.
11. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' kull sors ta' finanzjament indirizzat fl-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa (pubbliku/privat, domestiku/internazzjonali) u jissottolinja l-preminenza tal-azzjoni domestika, l-importanza ta' politiki sodi u abilitanti, kif ukoll ir-responsabbiltajiet għall-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż is-settur privat. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li s-sorsi kollha ta' finanzjament jintrabtu mal-SDGs biex jiġi promoss irkupru ekoloġiku, diġitali, inklużiv, ugwali u reżiljenti — f'konformità mal-Inizjattiva ta' Rkupru Globali, u jenfasizza l-ħtieġa li l-ODA u flussi finanzjarji oħra jiġu allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi.

12. Il-Kunsill jenfasizza l-kontribut ewlieni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp biex jintlaħqu l-oġġettivi internazzjonali dwar il-klima u l-ambjent, filwaqt li jilqa', f'dan ir-rigward, ir-rakkomandazzjonijiet li saru mil-Laqgħa ta' Livell Għoli tad-DAC f'Novembru 2020. Barra minn hekk, il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu esklużjoni gradwali tal-attivitajiet kollha mhux allinjati mal-Ftehim ta' Pariġi mir-rappurtar dwar l-ODA, filwaqt li jittieħed kont tal-prinċipji ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp effettiva.
13. Il-Kunsill itenni l-appoġġ tiegħu għall-approċċ "Tim Ewropa", stabbilit fl-2020 b'appoġġ għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab fil-perijodu qasir u l-impatti strutturali aktar fit-tul tal-COVID-19 fuq is-soċjetajiet u l-ekonomija, fl-ispirtu ta' "nibnu mill-ġdid aħjar u b'mod aktar ekoloġiku". Il-Kunsill jilqa' l-momentum tal-approċċ Tim Ewropa u t-titjib tal-kollaborazzjoni Ewropea li tibni fuq l-isforzi ta' Programmar Konġunt tal-UE u l-Istati Membri, u jirrikonoxxi l-importanza ta' parteċipazzjoni sinifikattiva tal-pajjiżi sħab f'dawn l-inizjattivi. Permezz tal-approċċ Tim Ewropa, l-UE u l-Istati Membri tagħha, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-aġenziji ta' implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll il-Bank Ewropew tal-Investment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp għaqqdu r-riżorsi finanzjarji tagħhom u mmobilizzaw EUR 40.5 biljun¹⁴ minn Jannar 2021 biex jgħinu lill-pajjiżi sħab.
14. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-prinċipji għal kooperazzjoni għall-iżvilupp effettiva miftiehma fil-kuntest tas-Sħubija Globali għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp, kif ukoll għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp, peress li dawn huma essenzjali biex jintlaħqu l-SDGs.
15. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar fir-rigward tal-Oqfsa ta' Finanzjament Nazzjonali Integrati (INFFs) u jenfasizza l-ħtieġa li l-INFFs ikomplu jiġu appoġġati bħala approċċ komprensiv u integrat biex jiġi mobilizzat il-finanzjament mis-sorsi kollha disponibbli biex jintlaħqu l-SDGs. Il-Kunsill jappella għal ħidma konġunta msaħħa fil-livell tal-pajjiżi bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u l-partijiet ikkonċernati internazzjonali u nazzjonali rilevanti kollha dwar l-SDGs u b'mod partikolari dwar il-finanzjament tagħhom.

¹⁴ L-ammont ta' EUR 40.5 biljun huwa bbażat fuq l-impenji, filwaqt li ċ-ċifri msemmija fil-paragrafu 6 jirrappreżentaw l-iżborżi tal-ODA. Għal spjegazzjoni tad-differenzi bejn ir-rappurtar konġunt ta' Tim Ewropa taċ-ċifri ta' rispons għall-COVID-19 u ċ-ċifri msemmija fil-paragrafu 6 bbażati fuq ir-rappurtar tal-OECD-DAC, ara hawnhekk: [Preliminary Figures on 2020 Official Development Assistance \(europa.eu\)](https://european-council.europa.eu/media/1000000/1/related_content/1/Pre%20Preliminary%20Figures%20on%202020%20Official%20Development%20Assistance.pdf).

16. Il-Kunsill jilqa' l-ewwel rappurtar dwar l-Appoġġ Uffiċjali Totali għall-Iżvilupp Sostenibbli (TOSSD). Filwaqt li jappoġġa r-rwol tal-ODA, il-Kunsill jissottolinja li, bħala miżura komplimentari, it-TOSSD jista' jgħin biex jitkejlu aħjar u biex jitjiebu t-trasparenza u l-għarfien tar-riżorsi li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030. Sabiex it-TOSSD jilħaq il-potenzjal tiegħu, huwa essenzjali li jiġu involuti aktar fornituri emerġenti u li t-TOSSD ikun ankrat fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti.

ANNESS

Impenji u Miri Attwali tal-UE għall-ODA**(Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2015 (dok. 9241/15 paragrafi 31-33))**

L-UE (...) tafterma mill-ġdid l-impenn kollettiv tagħha li tilħaq l-mira ta' 0.7 % ta' ODA/DNG fil-perijodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015. L-Istati Membri li nġhaqdu mal-UE qabel l-2002 jafferma mill-ġdid l-impenn tagħhom li jilhq l-mira ta' 0.7 % ta' ODA/DNG, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi baġitarji, filwaqt li dawki li laħqu dik il-mira jieħdu l-impenn li jżommu mal-mira jew jaqbżuha; L-Istati Membri li nġhaqdu mal-UE wara l-2002 jaħdmu bis-siġħ biex iżidu l-ODA/DNG tagħhom għal 0.33 %.

Il-komunità internazzjonali għandha tgħin ukoll biex timmira r-riżorsi fejn hemm l-aktar bżonnhom, b'mod speċjali l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-pajjiżi fi stat ta' fraġilità u konflitt. Fil-kuntest tal-impenn totali tal-ODA u filwaqt li tirrispetta b'mod siġħ il-prijoritajiet individwali tal-Istati Membri fl-għajjuna għall-iżvilupp, l-UE ttenni l-impenn tagħha li tappoġġa l-LDCs. L-UE timpenja ruħha li kollettivament tilħaq il-mira ta' 0.15 % - 0.20 % ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu qasir, u li tilħaq 0.20 % ta' ODA/DNG għal LDCs fil-perijodu ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015."

Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-Ġdid - "Id-Dinja tagħna, id-Dinjità tagħna, il-Futur tagħna" (Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri imlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea tas-7 ta' Ġunju 2017, paragrafu 103)


L-UE hija kollettivament impenjata li tipprova 0.7 % tad-Dħul Nazzjonali Gross (DNG) bħala ODA fil-qafas ta' żmien tal-Aġenda 2030. Biex ir-riżorsi jiġu mmirati fuq fejn hemm l-aktar bżonn, b'mod speċjali l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-pajjiżi fi stat ta' fraġilità u konflitt, l-UE hija impenjata wkoll li kollettivament tilħaq il-mira ta' 0.15 – 0.20 % ta' ODA/DNG għal-LDCs fil-perijodu qasir, u li tilħaq 0.20 % ta' ODA/DNG għal-LDCs fil-perijodu ta' żmien tal-Aġenda 2030. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu wkoll l-isfidi partikolari li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Afrika. (...) Huma ser ikomplu jimmonitorjaw il-progress u ser jirrapportaw kull sena biex ikun hemm trasparenza u responsabbiltà pubblika.

**Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa (approvata mill-Assemblea Ġenerali fir-riżoluzzjoni
tagħha 69/313
tas-27 ta' Lulju 2015, paragrafi 51-52)**

(...) Il-fornituri tal-ODA jaffermaw mill-ġdid l-impenji rispettivi tagħhom b'rabta mal-ODA, inkluż l-impenn minn bosta pajjiżi żviluppati biex jilhqgħu l-mira ta' 0.7 % ta' ODA/DNG u 0.15 sa 0.20 % ta' ODA/DNG lill-pajjiżi l-anqas żviluppati. Aħna nhegħga minn dawk il-ftit pajjiżi li laħqu jew qabżu l-impenn tagħhom għal 0.7 % ta' ODA/DNG u l-mira ta' 0.15 sa 0.20 % ta' ODA/DNG lill-pajjiżi l-anqas żviluppati. Aħna nhegħgu lill-oħrajn kollha biex iżidu l-isforzi biex iżidu l-ODA tagħhom u biex jagħmlu sforzi konkreti addizzjonali lejn il-miri tal-ODA. Aħna nilqgħu d-deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea li tafferma mill-ġdid l-impenn kollettiv tagħha sabiex tikseb 0.7 % tal-mira ta' ODA/DNG fil-qafas ta' żmien tal-aġenda ta' wara l-2015, u tintrabat li tilħaq kollettivament il-mira ta' 0.15 sa 0.20 % ta' ODA/DNG lill-pajjiżi l-inqas żviluppati fuq medda qasira ta' żmien, u li tilħaq 0.20 % ta' ODA/DNG lill-pajjiżi l-anqas żviluppati fiż-żmien stabbilit tal-aġenda ta' wara l-2015. Aħna nhegħgu lill-fornituri tal-ODA jikkunsidraw li jistabbilixxu mira biex jipprovdu mill-inqas 0.20 % ta' ODA/DNG lill-pajjiżi l-anqas żviluppati.

Aħna nirrikonoxxu l-importanza li niffukaw l-iktar riżorsi aġevolanti fuq dawk bl-akbar ħtiġijiet u bl-inqas kapacià li jimmobilizzaw riżorsi oħra. F'dan ir-rigward aħna ninnutaw bi tħassib kbir it-tnaqqis fis-sehem tal-ODA għall-pajjiżi l-anqas żviluppati u nimpennjaw ruħna li nreggħu lura dan it-tnaqqis. Aħna nhegħga minn dawk li qegħdin jallokaw mill-inqas 50 % tal-ODA tagħhom lill-pajjiżi l-anqas żviluppati.

Figura 1 – ODA kollettiva tal-UE mqabbla mal-fornituri tad-DAC mhux fl-UE fl-2020 (bħala ekwivalenti ta' għotja)




Preliminary figures for 2020 ODA,
source: OECD, April 2021



NB: L-ammonti kollha huma fi prezzijiet attwali. Iċ-ċifri tal-2020 huma preliminari.

NB: Il-Kollettiva tal-UE ma tinkludix lir-Renju Unit minħabba l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.


Figura 2 – ODA kollettiva tal-UE bħala % tad-DNG mqabbla mal-fornituri tad-DAC li mhumiex fl-UE tul iż-żmien (fuq bażi ta' flussi sal-2017 u f'ekwivalenti ta' għotja mill-2018)



NB: Għal kull sena, iċ-ċifri tal-kollektiva tal-UE f'din il-graff iqisu biss daww il-pajjiżi li kienu Stat Membru tal-UE f'dak iż-żmien, filwaqt li l-aggregat tad-donaturi kollha tad-DAC li mhumiex fl-UE jgħid biss daww il-pajjiżi mhux membri tal-UE li kienu membru tad-DAC f'dak iż-żmien. B'mod partikolari, il-Kollektiva tal-UE tinkludi l-Renju Unit sa u inkluż l-2019 iżda mhux fl-2020 minħabba l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020, u l-aggregat tad-donaturi kollha tad-DAC li mhumiex fl-UE jinkludi r-Renju Unit mill-2020.

NB: L-ammonti kollha huma f'prezzijiet attwali. Iċ-ċifri tal-2020 huma preliminari.

Figura 3 – Diskrepanza bejn il-livelli tal-ODA tal-2020 u miri individwali maqbula tas-27 Stat Membru tal-UE u d-direzzjoni tal-bidla mill-2019 sal-2020 (abbażi ta' ekwivalenti ta' għotja)



NB: Il-kalkoli saru bl-użu tal-prezzijiet attwali. Iċ-ċifri tal-2020 huma preliminari. Tibdiliet assoluti ta' 0.01 % jew aktar biss huma kkunsidrati bħala żieda jew tnaqqis. Din il-metodoloġija ġiet applikata b'mod konsistenti matul iż-żmien u għandha l-għan li tevita li varjazzjonijiet żgħir jitqiesu bħala żieda jew tnaqqis. L-Istati Membri li esperjenzaw żieda jew tnaqqis żgħir jidhru fost daww ikkunsidrati stabbli.

Tabella 1 – ODA kollettiva tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE mill-2010 sal-2020

Member State	2010		2011		2012		2013		2014		2015		2016		2017		2018		2019		2020		Change 2019-2020	
	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	EUR Million	% of GNI	Volume in EUR Million	% of GNI
Austria	912	0.32	799	0.27	860	0.28	882	0.27	930	0.28	1,193	0.35	1,479	0.42	1,110	0.30	991	0.26	1,099	0.28	1,113	0.29	14.34	0.0184
Belgium	2,268	0.64	2,019	0.54	1,801	0.47	1,732	0.45	1,844	0.46	1,717	0.42	2,080	0.50	1,948	0.45	1,959	0.43	1,943	0.41	2,010	0.47	67.12	0.0582
Bulgaria	31	0.09	35	0.09	31	0.08	37	0.10	37	0.09	37	0.09	61	0.13	55	0.11	58	0.11	58	0.10	73	0.13	15.08	0.0306
Croatia							34	0.08	54	0.13	46	0.09	37	0.07	48	0.10	67	0.13	64	0.12	74	0.15	9.76	0.0334
Cyprus	39	0.23	27	0.16	20	0.11	15	0.10	14	0.09	16	0.09	-	-	-	-	21	0.12	18	0.09	18	0.08	0.14	-0.0123
Czech Republic	172	0.13	180	0.12	171	0.12	159	0.11	160	0.11	179	0.12	235	0.14	270	0.15	259	0.13	276	0.13	263	0.13	-12.75	-0.0014
Denmark	2,168	0.91	2,108	0.85	2,095	0.83	2,205	0.85	2,264	0.86	2,313	0.85	2,142	0.75	2,172	0.74	2,195	0.72	2,281	0.72	2,324	0.73	42.95	0.0129
Estonia	14	0.10	17	0.11	18	0.11	23	0.13	28	0.14	31	0.15	39	0.19	38	0.16	41	0.16	43	0.16	43	0.16	-0.04	0.0017
Finland	1,006	0.55	1,011	0.53	1,027	0.53	1,081	0.54	1,232	0.59	1,161	0.55	958	0.44	961	0.42	834	0.36	1,010	0.42	1,119	0.47	108.63	0.0492
France	9,751	0.50	9,348	0.46	9,358	0.45	8,540	0.41	8,005	0.37	8,149	0.37	8,701	0.38	10,052	0.43	10,283	0.43	10,908	0.44	12,407	0.53	1,498.56	0.0909
Germany	9,804	0.39	10,136	0.39	10,067	0.37	10,717	0.38	12,486	0.42	16,173	0.52	22,368	0.70	22,182	0.67	21,163	0.61	21,616	0.61	24,926	0.73	3,309.92	0.1158
Greece	383	0.17	305	0.15	255	0.13	180	0.10	186	0.11	215	0.12	333	0.19	278	0.16	246	0.13	329	0.18	209	0.13	-119.91	-0.0464
Hungary	86	0.09	100	0.11	92	0.10	97	0.10	109	0.11	140	0.13	180	0.17	132	0.11	241	0.21	279	0.21	361	0.27	82.25	0.0542
Ireland	676	0.52	657	0.51	629	0.47	637	0.46	615	0.38	648	0.32	726	0.32	743	0.32	792	0.31	870	0.32	853	0.31	-16.62	-0.0072
Italy	2,262	0.15	3,111	0.20	2,129	0.14	2,584	0.17	3,022	0.19	3,609	0.22	4,601	0.27	5,197	0.30	4,397	0.25	3,906	0.22	3,673	0.22	-233.15	0.0030
Latvia	12	0.06	14	0.07	16	0.07	18	0.08	19	0.08	21	0.09	27	0.11	28	0.11	29	0.10	31	0.10	35	0.12	4.60	0.0180
Lithuania	28	0.10	37	0.13	40	0.13	38	0.11	34	0.10	43	0.12	52	0.14	53	0.13	55	0.12	60	0.13	59	0.12	-1.67	-0.0042
Luxembourg	304	1.05	294	0.97	310	1.00	323	1.00	319	1.06	327	0.95	354	1.00	376	1.00	401	0.98	421	1.03	395	1.02	-26.54	-0.0093
Malta	10	0.18	14	0.25	14	0.23	14	0.20	15	0.20	15	0.17	19	0.20	22	0.21	28	0.25	37	0.30	51	0.44	14.48	0.1343
Netherlands	4,800	0.81	4,563	0.75	4,297	0.71	4,094	0.67	4,200	0.64	5,162	0.75	4,491	0.65	4,399	0.60	4,795	0.62	4,727	0.59	4,703	0.59	-24.70	0.0056
Poland	285	0.08	300	0.08	328	0.09	367	0.10	341	0.09	397	0.10	600	0.15	603	0.13	649	0.14	694	0.14	705	0.14	10.84	0.0007
Portugal	490	0.29	509	0.31	452	0.28	368	0.23	324	0.19	278	0.16	310	0.17	338	0.18	349	0.18	367	0.17	338	0.17	-29.06	-0.0009
Romania	86	0.07	118	0.09	111	0.09	101	0.07	161	0.11	143	0.09	184	0.11	195	0.11	211	0.11	227	0.10	268	0.13	41.05	0.0221
Slovak Republic	56	0.09	62	0.09	62	0.09	65	0.09	63	0.09	77	0.10	96	0.12	106	0.13	117	0.13	103	0.11	123	0.14	19.27	0.0256
Slovenia	44	0.13	45	0.13	45	0.13	46	0.13	46	0.12	57	0.15	74	0.19	67	0.16	71	0.16	78	0.17	79	0.17	0.36	0.0070
Spain	4,492	0.43	3,001	0.29	1,585	0.16	1,769	0.17	1,415	0.13	1,259	0.12	3,819	0.34	2,271	0.19	2,449	0.20	2,629	0.21	2,606	0.24	-23.91	0.0262
Sweden	3,423	0.97	4,030	1.02	4,077	0.97	4,389	1.01	4,698	1.09	6,391	1.40	4,425	0.94	4,935	1.02	5,085	1.07	4,650	0.96	5,571	1.14	920.70	0.1888
United Kingdom	9,855	0.57	9,948	0.56	10,808	0.56	13,461	0.70	14,519	0.70	16,725	0.70	16,325	0.70	16,060	0.70	16,446	0.70	17,309	0.70				
EU Aggregate	53,457	0.44	52,790	0.42	50,698	0.39	53,975	0.41	57,139	0.41	66,522	0.46	74,716	0.51	74,638	0.49	74,230	0.47	76,034	0.46	64,397	0.48	-11,637.32	0.0213
EU Institutions' ODA not imputed to EU Member States (and the UK)	3,183	0.03	3,453	0.03	4,544	0.04	2,873	0.02	2,131	0.02	1,372	0.01	2,750	0.02	1,926	0.01	627	0.00	-829	-0.01	2,358	0.02	3,187.30	0.0228
EU Collective	56,640	0.46	56,243	0.44	55,242	0.43	56,848	0.43	59,270	0.43	67,894	0.47	77,466	0.52	76,563	0.50	74,857	0.47	75,205	0.46	66,755	0.50	-8,450.02	0.0441

NB: Iċ-ċifri huma mogħtija fi flussi ta' flus sal-2017 u f'ekwivalenti ta' għotjiet mill-2018. L-ammonti kollha huma fi prezzijiet attwali. Iċ-ċifri tal-2020 huma preliminari.

NB: Għal kull sena, din it-tabella u ċ-ċifri aggregati u kollettivi tagħha jqisu biss dawk il-pajjiżi li kienu Stat Membru tal-UE dak iż-żmien. B'mod partikolari, il-Kollettiva u l-Aggregat tal-UE jinkludu lir-Renju Unit sa u inkluż l-2019 iżda mhux fl-2020 minħabba l-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

NB: Is-sinjal "-" jindika li ma ġiet irrappurtata l-ebda data tal-ODA mill-Istat Membru rispettiv għas-sena rispettiva.

Tabella 2: ODA tal-Istati Membri tal-UE lill-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati 2017-2019

Member State	2017		2018		2019	
	ODA to LDCs (EUR Millions)	LDC ODA/GNI ratio (% of GNI)	ODA to LDCs (EUR Millions)	LDC ODA/GNI ratio (% of GNI)	ODA to LDCs (EUR Millions)	LDC ODA/GNI ratio (% of GNI)
Austria	260.2	0.07	270.1	0.07	281.3	0.07
Belgium	576.0	0.13	630.0	0.14	647.6	0.14
Bulgaria	11.2	0.02	11.8	0.02	10.7	0.02
Croatia	8.6	0.02	12.9	0.03	2.9	0.01
Cyprus			4.3	0.02	2.6	0.01
Czech Republic	56.9	0.03	54.9	0.03	57.8	0.03
Denmark	646.6	0.22	615.4	0.20	703.2	0.22
Estonia	5.8	0.03	6.6	0.03	8.2	0.03
Finland	288.3	0.13	266.1	0.11	329.2	0.14
France	2,442.2	0.10	2,872.2	0.12	2,607.7	0.11
Germany	3,627.5	0.11	4,199.5	0.12	3,978.6	0.11
Greece	50.0	0.03	50.8	0.03	44.5	0.02
Hungary	25.3	0.02	57.6	0.05	58.2	0.04
Ireland	318.6	0.14	327.1	0.13	332.9	0.12
Italy	1,029.7	0.06	1,116.6	0.06	1,023.6	0.06
Latvia	5.4	0.02	5.6	0.02	6.1	0.02
Lithuania	9.6	0.02	10.4	0.02	11.3	0.02
Luxembourg	161.3	0.43	189.4	0.46	190.4	0.47
Malta	3.2	0.03	2.3	0.02	1.7	0.01
Netherlands	926.7	0.13	1,145.2	0.15	1,138.0	0.14
Poland	100.2	0.02	186.7	0.04	118.7	0.02
Portugal	109.4	0.06	108.9	0.06	111.9	0.05
Romania	37.5	0.02	36.4	0.02	36.7	0.02
Slovak Republic	19.8	0.02	21.4	0.02	18.6	0.02
Slovenia	11.0	0.03	11.3	0.02	11.2	0.02
Spain	518.3	0.04	581.7	0.05	520.7	0.04
Sweden	1,515.4	0.31	1,623.4	0.34	1,577.8	0.32
United Kingdom	5,394.7	0.23	5,428.9	0.23	5,153.9	0.21
EU Aggregate ODA to LDCs	18,159.5	0.12	19,847.7	0.125	18,986.1	0.12

NB: L-ammonti kollha huma fi prezzijiet attwali. L-ODA lil-LDCs hija kkalkulata billi l-ODA bilaterali nett tal-Istati Membri tiżdied mal-LDCs u l-ODA multilaterali attribwita lill-Istati Membri tiżdied mal-LDCs, biex b'hekk jiġi evitat l-għadd doppju tal-ODA tal-Istituzzjonijiet tal-UE mal-LDCs.

NB: Għal kull sena, din it-tabella u ċ-ċifri aggregati tagħha jqisu dawk il-pajjiżi li kienu Stat Membru tal-UE dak iż-żmien. B'mod partikolari, l-Aggregat tal-UE jinkludi lir-Renju Unit peress li l-perijodu ta' referenza jintemm qabel id-dħul fis-seħħ tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Frar 2020.